DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Jannar 2009

li tispeċifika, skont id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, EN ISO 17994:2004(E) bħala l-istandard dwar l-ekwivalenza ta' metodi mikrobijoloġiċi

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 119)

(2009/64/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE [1], u b'mod partikolari, il-punt (a) tal-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Istandard Internazzjonali ISO 17994:2004(E) jiddiskrivi l-kriterji u l-proċeduri għal valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' metodi mikrobijoloġiċi

(2) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2006/7/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2006/7/KE, l-Istandard Internazzjonali ISO 17994:2004(E) "Standard tal-Ilma – Kriterji biex tiġi stabbilita ekwivalenza bejn metodi mikrobijoloġiċi" għandu jkun speċifikat bħala l-istandard dwar l-ekwivalenza ta' metodi mikrobijoloġiċi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37.